Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2580

17.11.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2580

tat-13 ta' Novembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza li għandhom x'jaqsmu mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż fil-Bulgarija

(notifikata bid-dokument C(2026) 8218)

(It-test bil-Bulgaru biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż huwa mard virali infettiv li jaffettwa lill-annimali kaprini u ovini u li jista' jkollu impatt serju fuq il-popolazzjoni tal-annimali kkonċernata u fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-annimali, u dan jikkawża tfixkil għall-movimenti tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u tal-prodotti tagħhom fl-Unjoni u għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. F'każ ta' tifqigħa tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż f'annimali kaprini jew ovini, hemm riskju serju li dak il-mard jinxtered fi stabbilimenti oħra li jżommu dawk l-annimali.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-regoli għall-kontroll tal-mard elenkat imsemmi fl-Artikolu 9(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2016/429, u definit bħala mard tal-kategoriji A, B u C fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ([3]). B'mod partikolari, l-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 jipprevedu l-istabbiliment ta' żona ristretta f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A, inkluż il-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż, kif ukoll ċerti miżuri li jridu jiġu applikati fiha. Barra minn hekk, l-Artikolu 21(1) ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li ż-żona ristretta trid tkun tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza, u, jekk ikun meħtieġ, żona ristretta ulterjuri.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1160 ([4]) ġiet adottata wara tifqigħat tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fil-Bulgarija, u tistabbilixxi ċerti miżuri ta' emerġenza li għandhom jittieħdu minn dak l-Istat Membru. B'mod aktar partikolari, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 jipprevedi li ż-żoni ta' protezzjoni, iż-żoni ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti ulterjuri li għandhom jiġu stabbiliti minn dak l-Istat Membru, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, iridu jkunu jinkludu mqar iż-żoni elenkati fil-Partijiet A u B tal-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Jipprevedi wkoll li l-miżuri li jeħtieġ jiġu applikati f'dawk iż-żoni jridu jiġu applikati mqar sad-dati elenkati f'dak l-Anness. Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 jistabbilixxi ċerti projbizzjonijiet fuq il-movimenti tal-annimali kaprini u ovini minħabba t-tifqigħat, inkluża projbizzjoni fuq il-movimenti tal-annimali kaprini u ovini minn kwalunkwe parti tat-territorju tal-Bulgarija lejn destinazzjoni li tinsab barra minn dak it-territorju sal-31 ta' Diċembru 2026.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1160 tal-5 ta' Ġunju 2025 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza li għandhom x'jaqsmu mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż fil-Bulgarija u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/948 (ĠU L, 2025/1160, 10.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1160/oj).

(4) Fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160, l-Artikolu 21(1), il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 ippreveda l-istabbiliment, jekk ikun meħtieġ, ta' żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom. Fid-dawl tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fiż-żmien tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160, il-miżuri applikabbli f'dawk iż-żoni ristretti ulterjuri kellhom jibqgħu fis-seħħ wara l-perjodi minimi meħtieġa għaż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza. Għaldaqstant, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 bħalissa jipprevedi l-elenkar, fl-Anness II tagħha, taż-żoni fil-Bulgarija fejn il-miżuri applikabbli għaż-żoni ristretti ulterjuri, kif stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687, iridu japplikaw wara l-perjodi applikabbli għaż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza korrispondenti.

(5) Sussegwentement, l-Artikolu 21(1), il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 ġie emendat, bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/322 ([5]), biex jitneħħa r-rekwiżit li jiġu stabbiliti żoni ristretti ulterjuri madwar iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza jew maġenbhom. B'riżultat ta' dan, l-istabbiliment u d-durata ta' żoni ristretti ulterjuri ma għadhomx neċessarjament marbuta ma' dawk taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza. Għalhekk, jeħtieġ li tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 sabiex jiġi emendat l-Artikolu 3 u jitħassar l-Anness II tagħha, li jipprevedi speċifikament l-elenkar taż-żoni fil-Bulgarija soġġetti għall-miżuri applikabbli għal żoni ristretti ulterjuri wara l-perjodi applikabbli għaż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza korrispondenti.

(6) Barra minn hekk, mill-aħħar emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/2207 ([6]), il-Bulgarija nnotifikat lill-Kummissjoni bi 17-il tifqigħa addizzjonali tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fi stabbilimenti li jżommu l-annimali ovini fir-reġjuni ta' Dobrich, Haskovo, Kardzhali, Kyustendil, Plovdiv, Sofia u Stara Zagora, fil-perjodu ta' bejn l-24 ta' Settembru u t-8 ta' Novembru 2026. Uħud minn dawk it-tifqigħat il-ġodda kienu jinsabu barra miż-żoni ristretti li kienu diġà ġew stabbiliti b'riżultat ta' tifqigħat preċedenti, jiġifieri fir-reġjuni ta' Dobrich u Sofia, fejn il-marda ma kinitx ġiet irrapportata qabel. Bi tweġiba għal dan, il-Bulgarija stabbiliet żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza fejn qed jiġu applikati l-miżuri għall-kontroll tal-mard stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(7) Għalhekk, iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri għall-Bulgarija fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160, kif ukoll id-durata tal-miżuri li japplikaw fihom, jenħtieġ li jiġu aġġustati biex iqisu s-17-il tifqigħa addizzjonali. Għaldaqstant, hemm bżonn li jiġu emendati l-lista taż-żoni ristretti u d-durata tal-miżuri li jridu jiġu applikati fihom, stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 jiġi emendat kif xieraq, u l-Anness II jenħtieġ li jitħassar.

(9) Id-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, taż-żoni ta' sorveljanza u taż-żoni ristretti ulterjuri, u d-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, huma bbażati fuq il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 64(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 kif ukoll fuq ir-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2020/687. Il-kriterji applikati għall-għażla tad-daqs taż-żoni ta' protezzjoni, taż-żoni ta' sorveljanza u taż-żoni ristretti ulterjuri, u tal-għadd tagħhom, kif ukoll tad-durata tal-miżuri li għandhom jiġu applikati fihom, ma jqisux biss is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-ġidri tan-nagħaġ u l-ġidri tal-mogħoż fiż-żoni affettwati minn dak il-mard, iżda anke s-sitwazzjoni epidemjoloġika kumplessiva tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż fit-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat minn dak il-mard, kif ukoll il-livell tar-riskju li l-mard ikompli jinxtered. Barra minn hekk, id-durata tal-miżuri previsti b'din id-Deċiżjoni ġiet iddeterminata skont l-istandards internazzjonali stabbiliti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) ([7]).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/322 tat-12 ta' Frar 2026 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L, 2026/322, 22.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/322/oj).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/2207 tat-28 ta' Settembru 2026 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 dwar ċerti miżuri ta' emerġenza li għandhom x'jaqsmu mal-ġidri tan-nagħaġ u mal-ġidri tal-mogħoż fil-Bulgarija (ĠU L, 2026/2207, 1.10.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/2207/oj).

([7]) https://www.woah.org/en/what-we-do/standards/codes-and-manuals/.

(10) Barra minn hekk, minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fil-Bulgarija fir-rigward tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż, u sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' tixrid ulterjuri ta' dik il-marda, jeħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni tal-movimenti tal-annimali ovini u kaprini mit-territorju tal-Bulgarija lejn destinazzjoni li tinsab barra mill-Bulgarija, stabbilit fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160. Għaldaqstant, jenħtieġ li dik il-projbizzjoni tiġi estiża sat-30 ta' Ġunju 2027.

(11) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-ġidri tan-nagħaġ u tal-ġidri tal-mogħoż, u l-ħtieġa li dak il-mard ma jinxteridx mill-istabbilimenti affettwati fil-Bulgarija lejn partijiet oħra ta' dak l-Istat Membru jew lejn Stati Membri oħra, l-emendi li għandhom isiru fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 b'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li jsiru effettivi malajr kemm jista' jkun.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1160 hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 2(3), id-data "31 ta' Diċembru 2026" hija sostitwita bid-data "30 ta' Ġunju 2027".
2. fl-Artikolu 3, jitħassru l-ewwel u t-tieni paragrafi.
3. L-Anness I huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
4. L-Anness II jitħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESSI

"ANNESS I

Parti A: Żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti madwar it-tifqigħat ikkonfermati

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fil-Bulgarija, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Region of Plovdiv BG-CAPRIPOX-2025-00039 BG-CAPRIPOX-2025-00042 BG-CAPRIPOX-2025-00045 BG-CAPRIPOX-2025-00046 BG-CAPRIPOX-2025-00047 BG-CAPRIPOX-2025-00048 BG-CAPRIPOX-2025-00061 BG-CAPRIPOX-2025-00069 BG-CAPRIPOX-2025-00070 BG-CAPRIPOX-2025-00073 BG-CAPRIPOX-2025-00078 BG-CAPRIPOX-2025-00084 BG-CAPRIPOX-2025-00088 BG-CAPRIPOX-2025-00090 BG-CAPRIPOX-2025-00091 BG-CAPRIPOX-2025-00092 BG-CAPRIPOX-2025-00094 BG-CAPRIPOX-2025-00095 BG-CAPRIPOX-2025-00097 BG-CAPRIPOX-2025-00135 BG-CAPRIPOX-2025-00149 BG-CAPRIPOX-2026-00001 BG-CAPRIPOX-2026-00002 BG-CAPRIPOX-2026-00004 BG-CAPRIPOX-2026-00036 BG-CAPRIPOX-2026-00046	Protection zone: Those parts of the regions of Plovdiv, Haskovo, and Stara Zagora contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.200, Long. 24.790453 (2025/39), Lat. 42.2829, Long. 24.9637 (2025/42), Lat. 42.2308, Long 25.0438 (2025/45), Lat. 42.2401, Long. 25.0556 (2025/46), Lat. 42.2037, Long. 25.0513 (2025/47), Lat. 42.1959, Long. 25.0566 (2025/48), Lat. 42.0248, Long. 25.096 (2025/61), Lat. 42.2883, Long. 24.6303 (2025/69), Lat. 42.3705, Long. 24.725 (2025/70), Lat. 42.3263, Long. 24.6724 (2025/73), Lat. 42.0146, Long. 25.2956 (2025/78), , Lat. 42.3063, Long. 24.5243 (2025/84), Lat. 41.9443, Long. 25.2481 (2025/88), Lat. 41.9423, Long. 25.2434 (2025/90), Lat. 41.9449, Long. 25.2471 (2025/91), Lat. 42.267, Long. 24.554 (2025/92), Lat. 42.2848, Long. 24.5428 (2025/94), Lat. 42.2757, Long. 24.5373 (2025/95), Lat. 41.9456, Long. 25.2427 (2025/97), , Lat. 42.1483, Long. 25.0517 (2025/135), Lat. 42.0859, Long. 24.7088 (2025/149), Lat. 42.3442, Long. 24.8236 (2026/1), Lat. 42.0275, Long. 25.1041 (2026/4), Lat. 42.605, Long. 24.872 (2026/36), Lat. 42.624, Long. 24.896 (2026/46).	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the regions of Plovdiv, , Stara Zagora, Haskovo and Pazardzhik contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.200, Long. 24.790453 (2025/39), Lat. 42.2829, Long. 24.9637 (2025/42), Lat. 42.2308, Long 25.0438 (2025/45), Lat. 42.2401, Long. 25.0556 (2025/46), Lat. 42.2037, Long. 25.0513 (2025/47), Lat. 42.1959, Long. 25.0566 (2025/48), Lat. 42.0248, Long. 25.096 (2025/61), Lat. 42.2883, Long. 24.6303 (2025/69), Lat. 42.3705, Long. 24.725 (2025/70), Lat. 42.3263, Long. 24.6724 (2025/73), Lat. 42.0146, Long. 25.2956 (2025/78), Lat. 42.3063, Long. 24.5243 (2025/84), Lat. 41.9443, Long. 25.2481 (2025/88), Lat. 41.9423, Long. 25.2434 (2025/90), Lat. 41.9449, Long. 25.2471 (2025/91), Lat. 42.267, Long. 24.554 (2025/92), Lat. 42.2848, Long. 24.5428 (2025/94), Lat. 42.2757, Long. 24.5373 (2025/95), Lat. 41.9456, Long. 25.2427 (2025/97), Lat. 42.1228, Long.	30.6.2027

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fil-Bulgarija, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
	24.9373 (2025/138), Lat. 42.0859, Long. 24.7088 (2025/149), Lat. 42.3905, Long. 25.131 (2025/153), Lat. 42.3442, Long. 24.8236 (2026/1), Lat. 42.0275, Long. 25.1041 (2026/4), Lat. 42.605, Long. 24.872 (2026/36) Lat. 42.624, Long. 24.896 (2026/46), excluding the areas contained in the protection zone.	
Region of Haskovo BG-CAPRIPOX-2026-00003 BG-CAPRIPOX-2026-00010 BG-CAPRIPOX-2026-00011 BG-CAPRIPOX-2026-00014 BG-CAPRIPOX-2026-00023 BG-CAPRIPOX-2026-00029 BG-CAPRIPOX-2026-00032 BG-CAPRIPOX-2026-00034 BG-CAPRIPOX-2026-00037 BG-CAPRIPOX-2026-00038 BG-CAPRIPOX-2026-00039 BG-CAPRIPOX-2026-00042 BG-CAPRIPOX-2026-00043 BG-CAPRIPOX-2026-00047 BG-CAPRIPOX-2026-00052	Protection zone: Those parts of the regions of Haskovo, and Stara Zagora contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.059, Long. 25.981(2026/3), Lat. 42.059, Long. 25.983 (2026/10), Lat. 41.860, Long. 25.510 (2026/11), Lat. 42.054, Long. 25.984 (2026/14), Lat. 41.996, Long. 22.973 (2026/23), Lat. 42.049, Long. 25.992 (2026/29), Lat. 41.651, Long. 22.651 (2026/32), Lat. 42.051, Long. 25.985 (2026/34), Lat. 41.915, Long. 25.554 (2026/37), Lat. 42.056, Long. 25.989 (2026/38), Lat. 41.943, Long. 25.399 (2026/39), Lat. 42.055, Long. 25.985 (2026/42), Lat. 41.867, Long. 25.292 (2026/43), Lat. 41.946, Long. 25.395 (2026/47), Lat. 41.910, Long. 25.520 (2026/52).	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the regions of Haskovo and Stara Zagora contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.059, Long. 25.981(2026/3), Lat. 42.059, Long. 25.983 (2026/10), Lat. 41.860, Long. 25.510 (2026/11), Lat. 42.054, Long. 25.984 (2026/14), Lat. 41.996, Long. 22.973 (2026/23), Lat. 42.049, Long. 25.992 (2026/29), Lat. 41.651, Long. 22.651 (2026/32), Lat. 42.051, Long. 25.985 (2026/34), Lat. 41.915, Long. 25.554 (2026/37), Lat. 42.056, Long. 25.989 (2026/38), Lat. 41.943, Long. 25.399 (2026/39), Lat. 42.055, Long. 25.985 (2026/42), Lat. 41.867, Long. 25.292 (2026/43), Lat. 41.946, Long. 25.395 (2026/47), Lat. 41.910, Long. 25.520 (2026/52), excluding the areas contained in the protection zone.	30.6.2027

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fil-Bulgarija, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Region of Blagoevgrad BG-CAPRIPOX-2026-00005 BG-CAPRIPOX-2026-00012 BG-CAPRIPOX-2026-00021 BG-CAPRIPOX-2026-00025 BG-CAPRIPOX-2026-00030 BG-CAPRIPOX-2026-00031	Protection zone: Those parts of the region of Blagoevgrad contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 41.470, Long. 23.693 (2026/5), Lat. 42.054, Long. 23.014 (2026/12), Lat. 41.970, Long. 22.914 (2026/21), Lat. 41.459, Long. 23.219 (2026/25), Lat. 41.483, Long. 23.177 (2026/30), Lat. 41.507, Long. 23.157 (2026/31).	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the region of Blagoevgrad contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 41.470, Long. 23.693 (2026/5), Lat. 42.054, Long. 23.014 (2026/12), Lat. 41.970, Long. 22.914 (2026/21), Lat. 41.459, Long. 23.219 (2026/25), Lat. 41.483, Long. 23.177 (2026/30), Lat. 41.507, Long. 23.157 (2026/31), excluding the areas contained in the protection zone.	30.6.2027
Region of Stara Zagora BG-CAPRIPOX-2026-00006 BG-CAPRIPOX-2026-00007 BG-CAPRIPOX-2026-00008 BG-CAPRIPOX-2026-00017 BG-CAPRIPOX-2026-00018 BG-CAPRIPOX-2026-00019 BG-CAPRIPOX-2026-00048 BG-CAPRIPOX-2026-00050 BG-CAPRIPOX-2026-00051	Protection zone: Those parts of the region of Stara Zagora contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.334, Long. 25.2153 (2026/6), Lat. 42.2401, Long. 25.2523 (2026/7), Lat. 42.2168, Long. 25.2290 (2026/8), Lat. 42.561, Long. 25.410 (2026/17), Lat. 42.558, Long. 25.413 (2026/18), Lat. 42.562, Long. 25.412 (2026/19)? Lat. 42.298, Long. 25.639 (2026/48), Lat. 42.592, Long. 25.032 (2026/50), Lat. 42.592, Long. 25.032 (2026/51).	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the region of Stara Zagora and Haskovo contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.334, Long. 25.2153 (2026/6), Lat. 42.2401, Long. 25.2523 (2026/7), Lat. 42.2168, Long. 25.2290 (2026/8), Lat. 42.561, Long. 25.410 (2026/17), Lat. 42.558, Long. 25.413 (2026/18), Lat. 42.562, Long. 25.412 (2026/19), Lat. 42.298, Long. 25.639 (2026/48), Lat. 42.592, Long. 25.032 (2026/50), Lat. 42.592, Long. 25.032 (2026/51), excluding the areas contained in the protection zone.	30.6.2027

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fil-Bulgarija, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Region of Kyustendil BG-CAPRIPOX-2026-00009 BG-CAPRIPOX-2026-00027 BG-CAPRIPOX-2026-00035	Protection zone: Those parts of the region of Kyustendil contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.197, Long. 22.673 (2026/9), Lat. 42.151, Long. 22.802 (2026/27), Lat. 42.109, Long. 22.840 (2026/35), Lat. 42.204, Long. 22.904 (2026/44), Lat. 42.270, Long. 22.806 (2026/45).	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the region of Kyustendil contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.197, Long. 22.673 (2026/9), Lat. 42.151, Long. 22.802 (2026/27), Lat. 42.109, Long. 22.840 (2026/35), Lat. 42.204, Long. 22.904 (2026/44), Lat. 42.270, Long. 22.806 (2026/45), excluding the areas contained in the protection zone.	30.6.2027
Region of Kardzhali BG-CAPRIPOX-2026-00013 BG-CAPRIPOX-2026-00015 BG-CAPRIPOX-2026-00016 BG-CAPRIPOX-2026-00026 BG-CAPRIPOX-2026-00028 BG-CAPRIPOX-2026-00033 BG-CAPRIPOX-2026-00040 BG-CAPRIPOX-2026-00053 BG-CAPRIPOX-2026-00054	Protection zone: Those parts of the region of Kardzhali contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 41.704, Long. 25.601 (2026/13), Lat. 41.720, Long. 25.602 (2026/15), Lat. 41.610, Long. 25.684 (2026/16), Lat. 41.704, Long. 25.610 (2026/26), Lat. 41.608, Long. 25.686 (2026/28), Lat. 41.719, Long. 25.608 (2026/33), Lat. 41.610, Long. 25.684 (2026/16), Lat. 41.735, Long. 25.403 (2026/40), Lat. 41.674, Long. 25.433 (2026/53), Lat. 41.674, Long. 25.433 (2026/54).	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the region of Kardzhali contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 41.704, Long. 25.601 (2026/13), Lat. 41.720, Long. 25.602 (2026/15), Lat. 41.610, Long. 25.684 (2026/16), Lat. 41.704, Long. 25.610 (2026/26), Lat. 41.608, Long. 25.686 (2026/28), Lat. 41.719, Long. 25.608 (2026/33), Lat. 41.610, Long. 25.684 (2026/16), Lat. 41.735, Long. 25.403 (2026/40), Lat. 41.674, Long. 25.433 (2026/53), Lat. 41.674, Long. 25.433 (2026/54), excluding the areas contained in the protection zone.	30.6.2027

Reġjun u numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żoni stabbiliti bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, parti miż-żona ristretta fil-Bulgarija, kif imsemmi fl-Artikolu 1	Data sa meta applikabbli
Region of Yambol BG-CAPRIPOX-2026-00024	Protection zone: Those parts of the region of Yambol contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.514, Long. 26.656 (2026/24).	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the region of Yambol contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.514, Long. 26.656 (2026/24), excluding the areas contained in the protection zone.	30.6.2027
Region of Dobrich BG-CAPRIPOX-2026-00055 BG-CAPRIPOX-2026-00056	Protection zone: Those parts of the region of Dobrich contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 43.563, Long. 28.585 (2026/55), Lat. 43.934, Long. 27.575 (2026/56);	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the region of Dobrich contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 43.563, Long. 28.585 (2026/55), Lat. 43.934, Long. 27.575 (2026/56), excluding the areas contained in the protection zone.	30.6.2027
Region of Sofia BG-CAPRIPOX-2026-00041 BG-CAPRIPOX-2026-00049	Protection zone: Those parts of the region of Sofia contained within a circle of a radius of 5 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.670, Long. 23.640 (2026/41), Lat. 42.663, Long. 23.546 (2026/49);	30.6.2027
	Surveillance zone: Those parts of the region of Sofia contained within a circle of a radius of 20 kilometres, centred on UTM 30, ETRS89 coordinates Lat. 42.760, Long. 23.640 (2026/41), Lat. 42.663, Long. 23.546 (2026/49), excluding the areas contained in the protection zone.	30.6.2027

Parti B: Żoni ristretti ulterjuri

Żona ristretta ulterjuri	Reġjun	Żoni inklużi fiż-żoni ristretti ulterjuri stabbiliti fil-Bulgarija, kif imsemmi fl-Artikolu 2	Data sa meta applikabbli
Żona ristretta ulterjuri	**Region of Plovdiv**	The entire region of Plovdiv excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Blagoevgrad	The entire region of Blagoevgrad excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Haskovo	The entire region of Haskovo excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Stara Pazardzhik	The entire region of Pazardzhik excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Kyustendil	The entire region of Kyustendil excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Stara Zagora	The entire region of Stara Zagora excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Kardzhali	The entire region of Kardzhali excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Yambol	The entire region of Yambol excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Sliven	The entire region of Sliven excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Burgas	The entire region of Burgas excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Dobrich	The entire region of Dobrich excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027
	Region of Sofia	The entire region of Sofia excluding the areas included in any protection or surveillance zone.	30.6.2027”